

# Dwardu Cachia

## – Kittieb Senglean (1858-1907)

minn Saviour Camilleri

Isem li forsi mhux wisq magħruf, saħansitra magħna s-Sengleani, huwa l-kittieb Dwardu Cachia li baqa' msemmi għall-poeżija sabiħa tiegħu, *'Katrin tal-Imdina'*. Dwardu Cachia twieled l-Isla fil-25 ta' Awwissu 1858 minn Franġisk Saverju Cachia u Beatrice mwielda Darmanin. Iżżewweġ lil Marianna Felice u kellhom iben. Dwardu Cachia kien għalliem fl-iskejjel tal-gvern, l-aktar fl-Isla, il-Birgu u Ħal Tarxien. Biżżejjed ngħidu li ta' sittax-il-sena kien laħaq assistent surmast fl-iskola tal-Birgu. Baqa' jgħallem sa dik is-sena li fiha miet fl-età żgħira ta' 49 sena fit-12 ta' Ġunju 1907, fl-Isla

Dan il-persunaġġ kellu sehem mhux ħażin fit-twelid tal-letteratura Maltija u tal-qawmien tal-Ilsien Malti lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin.

### Moħħ Brillanti

Dwardu Cachia kien membru mill-aktar ħabrieki u mimli b'entużjażmu fix-*Xirka Xemija*. Ta' dan huwa l-fatt, li billi din ix-Xirka Xemija kellha l-alfabett tagħha - fejn xi wħud qalu li kien tqil - Dwardu Cachia fassal poeżija qasira li fiha, bi ftit kliem imqabbel tajjeb, fisser kif seta' jinqara u jinkiteb l-alfabett ta' din ix-*Xirka*.

Cachia kien jaf ukoll l-Ispanjol u jgħidu li tgħallmu mingħand xi ħaddiema Spanjoli li kienu ġew jaħdmu fil-bini tal-*breakwater*, li huwa kien jgħallimhom l-Ingliż, waqt li magħhom tgħallem l-Ispanjol

Dan il-persunaġġ mill-Isla kiteb ħafna poeżiji bil-Malti u ħareġ ktieb bil-poeżiji; iżda mhux kollha laħqu l-livell għoli daqs ta' *'Katrin tal-Imdina'*. Madanakollu, il-ħeffa u n-naturalezza tal-versi tiegħu huma dejjem impressjonanti. Fi kliem ieħor, kellu ħakma sħiħa fuq il-kelma Maltija u s-sengħa tal-vers. Ma naqasx li jikteb ukoll versi akrostiċi, jiġifieri li jekk tieħu l-ewwel ittra ta' kull vers tgħaqqad kelma jew aktar.

Ta' min jgħid li Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali, kien jammira lil Dwardu Cachia u kitbietu, speċjalment il-poeżija *'Katrin tal-Imdina'* li għaliha Dun Karm kiteb id-'Daħla'.

Kontra dak li kien kiteb Wistin Levanzin dwar li Dwardu kien miet ġo xi gabuba jew gorboġ minsi minn kulħadd qrib iċ-Ċimiterju l-Kbir, in-neputi ta' Dwardu, Rogantin Cachia, kien stqarr li dan ma kien minnu xejn, iżda hu kien miet fid-dar tiegħu, ġewwa l-Isla. Żied jikteb hekk:

"Iz-ziju Dwardu miet f'waħda



Dwardu Cachia



Agostino Levanzin



Dun Karm Psaila

mill-isbaħ kmamar tal-aqwa djar tal-Isla, sewwasew numru 166, Strada Vitorja. Din id-dar flimkien ma' oħra ma' ġenbha, li kienu jappartjenu lill-familja tiegħu, iġġarrfu fil-blitz il-kbir fuq *l-Illustrious*. Matul il-marda tiegħu, daret bih oħtu Manwela li kienet tinqala' daqs l-aqwa *nurse* u kellu l-konfort kollu li wieħed jixtieq kemm tal-ġisem kif ukoll tar-ruħ. Kien imdawwar minn ħutu, ibnu waħdani, u min-neputijiet u għadd kbir ta' ħbieb. L-aħħar kelmiet tiegħu kienu *"in manus tuas Domine commendo spiritum meum"*. Ibnu Willie miet ftit xhur ilu". (Ittra miktuba 23-11-52. Ara *IL-Malti, Ġunju 1952 u Times of Malta,* 12-8-46, 22-9-46).

Għal Wistin Levanzin – kittieb Malti famuż għas-sawma twila li kien għamel l-Amerka – Dwardu Cachia kien l-aqwa poeta Malti.

Nagħlaq, billi nġib din il-poeżija ta' Dwardu Cachia fuq l-alfabett "fonetiku" tax-Xirka Xemija. Hija poeżija 'akrostika':

### Poeżija bl-alfabett tax-*Xirka*

A "Alfabet ħafif daqs dana,
B biex inğidlek ma haux sgur",
C Censu 'l Karmnu qal l-iskola,
D dak in-nhar li beda ymur.

E "Ebda ħażż ma yibdel leħnu
F fil-fonetku, qe'd inğid:
G Ga, Ge, Gi yebsin jinstemgu".
Ğ "Ğax tğid, 'adthom bla ta'bit".

H " Hua int ma tafx x'iğidu?
Ħ Hadd ma yixtri bla tmaqdi
I "Iva, sieħeb", qabeż ieħor,
J jdid fl-iskola ğad l' hu kbir.

K kemm il-wieħed qal u ħambaq
L li l-Fonetiku ma yoğjbux?
M Meta sab min fehemhulu,
N naf li tgallmu, u ma maqdrux.

O "oqğod, ara, kemm hu e'fef,
P Paul", qal Censu waqt is-skiet;
Q "qabel kont, biex nikteb ckeiken,
R rasi nitlef fic-ceyyiet".

S "Sewwa ğedt, Cens", qallu Wiji,
T "taf l' hu l-eħfef Alfabet......"
U U kif ħabat s'er jitkellem
V Vitor, yen ind'alt u ğedt

W "Wiji, oħroj barra u aqra,
X xein la tibża', dal-kelmiet:
Y Yum, Ğid, Caqcaq, Gerger, Karkar
Z Zekzek, Żarżar, Joljol, Wied.

### Bl-alfabett tal-lum

"Alfabett ħafif daqs dana,
biex ingħidlek ma hawnx żgur"
Ċensu 'l Karmnu qal l-iskola,
dakinhar li beda jmur.

"Ebda ħażż ma jibdel leħnu
fil-fonetiku, qed ingħid:
Ga, Ge, Gi ibsin jinstemgħu
"Għax tgħid, ħadthom bla taħbit",

"Huwa int ma tafx xi jgħidu?
Ħadd ma jixtri bla tmaqdir",
"Iva sieħeb", qabeż ieħor,
ġdid fl-iskola għad l'hu kbir

Kemm-il wieħed qal u ħambaq,
li l-fonetiku ma jogħġbux?
Meta sab min fehemhulu,
naf li tgħallmu, u ma maqdrux.

"Oqgħod, ara, kemm hu eħfef,
Paul", qal Ċensu waqt is-skiet;
"qabel kont, biex nikteb ċkejken,
rasi nitlef fiċ-ċejiet".

"Sewwa għidt, Ċens", qallu Wiġi,
"taf l'hu l-eħfef alfabett...."
U kif ħabat ser jitkellem
Vitor, jien indħalt u għidt:

"Wiġi, oħroġ barra u aqra,
xejn la tibża', dal-kelmiet:
Jum, għid, Ċaqċaq, Gerger, Karkar,
Zekzek, Żarżar, Ġolġol, Wied.

*Ħajr lil Mons. Lawrenz Cachia ta'dan it-tagħrif.*


JMA Confectionery
Żabbar Poad, Paola, Mob: 9944 5654
**Gateux, Pasti, Ħalib, Ħelu, Bżonnijiet ta' Kuljum, Ħobż**
Open Monday to Saturday From: 06.00 - 13.00 / 16.00 - 20.00
Sunday From: 06.00 - 13.00